

Konvenut: L-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Kooperazzjoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (Frontex)

Talbiet

- tannulla l-avviż tal-kuntratt Nru 2015/S 162-295659 tal-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Kooperazzjoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea Nru S 162 tat-22 ta' Awwissu 2015;
- tikkundanna lil Frontex tħallas għad-dannu sostnut mir-rikorrenti minħabba t-telf ta' opportunità li jikkonkludu l-kuntratt li kien thabar, dannu li huma jevalwaw *ex aequo et bono* għal EUR 85 000, b'interessi mid-data tal-għoti tas-sentenza jew kwalunkwe ammont ieħor stabbilit mill-Qorti Ġenerali;
- tikkundanna lill-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Kooperazzjoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea għall-ispejjeż tar-rikorrenti.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jsostnu li l-avviż ta' kuntratt ikkontestat għandu jiġi annullat, skont l-Artikolu 263 TFUE sa fejn huwa kuntrarju għall-prinċipju ta' proporzjonalità u ta' non-diskriminazzjoni li jirregola l-kuntratti pubbli u sa fejn jikser l-Artikolu 102(1) tar-Regolament Finanzjarju (¹) u l-Artikoli 146(1) u 147 tar-Regolament ta' Delega (²)

(¹) Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-25 ta' Ottubru 2012, dwar ir-regoli finanzjarji applikabbi għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, p. 1).

(²) Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012, tad-29 ta' Ottubru 2012, dwar ir-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbi għall-baġit ġenerali tal-Unjoni

Rikors ippreżżentat fid-9 ta' Novembru 2015 – Orthema Service vs UASI (Gehen wie auf Wolken)

(Kawża T-620/15)

(2016/C 007/43)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Orthema Service GmbH (Rotkreuz, l-Isvezja) (rappreżentant: M. Gail, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem 1-UASI

Trade mark ikkontestata kkonċernata: trade mark Komunitarja verbali “Gehen wie auf Wolken” – Applikazzjoni għal-reġistrazzjoni Nru 13 121 868

Deċiżjoni kkontestata: deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI tal-1/09/2015 fil-Każ R 404/2015-4

Talbiet

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

Motiv invokat

- Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) Regolament Nru 207/2009.
-

Rikors ippreżentat fid-9 ta' Novembru 2015 – Deere vs UASI (EXHAUST-GARD)**(Kawża T-622/15)**

(2016/C 007/44)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż***Partijiet**

Rikorrenti: Deere & Company (Wilmington, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: N. Weber u T. Heitmann, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-UASI

Trade mark ikkонтestata kkonċernata: trade mark Komunitarja verbali “EXHAUST-GARD” – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 11 747 409

Deċiżjoni kkontestata: deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI tat-8 ta' Settembru 2015 fil-Każ R 196/2014-4

Talbiet

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

Motivi invokati

- Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009;
 - Ksur tal-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament Nru 207/2009;
 - Ksur tal-Artikolu 75 tar-Regolament Nru 207/2009.
-

Rikors ippreżentat fil-11 ta' Novembru 2015 – Frame vs UASI – Bianca-Moden (BiancalunA)**(Kawża T-628/15)**

(2016/C 007/45)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż***Partijiet**

Rikorrenti: Frame Srl (San Giuseppe Vesuviano, l-Italja) (rappreżentanti: M. Borghese, R. Giordano, E. Montelione, avukati)